



Brussell, 3 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6260/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0002(NLE)

TRANS 69

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll tal-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank, b'rabta mal-abbozz ta' Deċiżjoni Nru .../...ta' dak il-kumitat li jstabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll tal-Ftehim dwar it-trasport
okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus)
fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri
bil-kowċ u bix-xarabank, b'rabta mal-abbozz ta' Deċiżjoni Nru .../...ta' dak il-kumitat
li jstabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank ("il-Ftehim Interbus") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/917/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.
- (2) Il-Protokoll dwar it-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank tal-Ftehim Interbus ("il-Protokoll") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/911² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2024.
- (3) Skont l-Artikolu 18(1) tal-Protokoll, jiġi stabbilit Kumitat Konġunt (il-"Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll").
- (4) Skont l-Artikolu 23(3) tal-Ftehim Interbus, li huwa applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 18(2) tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.
- (5) Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll, waqt il-laqgħa li jmiss tiegħu, għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/917/KE tat-3 ta' Ottubru 2002 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interbus dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (ĠU L 321, 26.11.2002, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2002/917/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/911 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) rigward it-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (ĠU L 122, 5.5.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/911/oj>).

- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll, peress li l-Deċiżjoni li għandha tiġi adottata minn dak il-Kumitat se tkun vinkolanti fir-rigward tal-Unjoni.
- (7) L-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll se jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Protokoll. Tali regoli jenħtieġ li jikkorrispondu mill-qrib, bl-adattamenti meħtieġa, mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim Interbus permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2011 ta' dak il-kumitat³,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank tal-11 ta' Novembru 2011 li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u li tadatta l-Anness 1 għall-Ftehim rigward il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-operaturi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, l-Anness 2 għall-Ftehim li jikkonċerna l-istandards tekniċi li japplikaw għax-xarabankijiet u l-kowċijiet u r-rekwiżiti li jikkonċernaw iddispożizzjonijiet soċjali msemminjin fl-Artikolu 8 tal-Ftehim (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 38, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2012/25\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2012/25(1)/oj)).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt, stabbilit skont l-Artikolu 18(1) tal-Protokoll tal-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank, b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Protokoll dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
